MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar

**Laqgħa Numru 38 – 4 Leġiżlatura**

**It-Tnejn 16 ta' Jannar 2025**

Il-Kunsill Reġjonali fil-5.30 pm.

PREŻENTI FL-UFFIĊĊJU:

| | |
|---|---|
| President | Is-Sur Jesmond Aquilina |
| Sindku B'Buġa | Is-Sur Scott Camilleri |
| Sindku Zejtun | Is-Sinjura Joan Agius |
| Sindku Ħal-Għaxaq | Is-Sur Karl Boxall |
| Sindku Marsaxlokk | Is-Sur Steven Grech |
| Kunsillier Luqa | Is-Sur Keith Bartolo |
| Kunsillier Gudja | Is-Sur Andrew Dalli |
| Kunsillier Santa Luċija | Is-Sa. Kylie D'Amato |

| | |
|---|---|
| Kunsillier Ħamrun | Dr Antione Vassallo |
| Kunsillier Ħal Qormi | Is-Sinjura Elke Sghendo |
| Kunsillier Marsaskala | Is-Sur Charlo Mifsud |

PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Sindku tal-Marsa Luke Farrugia

Sindku ta' Santa Venera Gianluca Falzon

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Mariella Strout | Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

Il-president is-Sur Jesmond Aquilina jippresjedi din il-laqgħa.

**38.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija;**

38.1.1 Il-Kunsill Reġjonali rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand Sindku tal-Marsa Luke Farrugia u Sindku ta' Santa Venera Gianluca Falzon.

**38.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti;**

38.2.1 Il-President ressaq il-Minuti ta' sitta u sebgħin (37) laqgħa tal-Kunsill Reġjonali għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel tal-laqgħa. Peress li l-minuti kienu ntbagħtu filgħodu, għalhekk ġie deċiż li l-Minuti jinqraw.

38.2.2 Wara mozzjoni mressqa mil-President Jesmond Aquilina u s-sekondat Sindku Joan Agius il-membri tal-Kunsill Reġjonali approvaw b'mod unanimu il-minuti msemmija.

**38.2.3 Kunsiderazzjoni mill- Minuti**

38.2.3.1 **Programm mill-Għatba 'l barra**

Il-President tenna li dan għadu qed jintwera fuq il-PBS kull nhar ta' Ħadd

38.2.3.2 **Tender tal-binja amministrattiva**

Il-President informa li tender relatat ma rinnovar tal-Binja Amministrattiva ta' Reġjun qed titkompla l-aġġudikazzjoni u jintbagħatu il-kjarifika neċessarji.

38.2.3.4 **European Network of Holyweek and Easter Celebrations**

Il-President qal li kif kien nforma fl-aħħar laqgħa ntbagħtet korrispondenza mir-Reġjun sabiex mingħandu posters u informazzjoni li jixtieq jippublika fuq jistaw jintbagħatu ħalli jkunu jidhru fuq in-European Network of Holyweek.

38.2.3.5 **ĊIRKULARI 06/2024 Allokazzjoni Finanzjarja għall-2025 proċedura ta' kif ser issiru il-ħlasijiet ta' l-iskart.**

Il-President tenna li kif ġie spjegat waqt l-aħħar, il-kunsilli mhux ser iħallsu xejn relatat ma l-iskart u ir-Reġjun kien ħareġ l-aħħar fatturi ta' 2024. Huwa tenna li kien resaq l-ilment ta' dawk il-Kunsilli li l-ispiża ta' l-iskart 2023 u 2024 ħalliet defiċit fil-fondi tal-Kunsill. Ġie nnutatt ukoll li l-Kunsilli ta' Żejtun u Marsaskala kienu għamlu talba għal fondi li Dipartiment tal-Gvern Lokali . Huwa ħeġġeġ li jekk hemm Kunsilli oħra li għandhom l-istess sitwazzjoni jissottomettu it-talbiet tagħhom li Dipartiment. B'referenza għal fatturi ta' *rejects* li nħarġu mill Wasteserve min Jannar sa Ġunju huwa

qal li għad ma hemmx risposta hu dawn m'għandhomx jitħallsu. Għad baqa' fatturi oħrajn ta' bejn Lulju u Awissu.

Il-President ta' rendikont qasir tal-fondi ta' Regjun wara li waqt l-aħħar laqgħa kienet tqajmet din il-mistoqsija. Huwa spjega li Regjun għandu madwar 1,800,000 flus kurrenti u 700,000 tfaddil li kien sar meta ir-Reġjun kellu dħul dirett min LESA.

38.2.3.6 **Streetlighting tender**

Il-President tenna li numru ta' Kunsill diġa konfermaw li ser ikunu parteċipi u oħrajn li ma humiex. Hemm oħrajn li riedu jibgħatu risposta.

38.2.3.7 **Il-proġett Quiz - Exciting Minds and Bodies -informazzjoni**

Il-President informa li saret laqgħa oħra ma l-organizzaturi fejn infurmaw li kien parteċipanti konfermati issa huma erba', għalhekk ser issir kuntatt ma NGO's madwar ir-reġjun sabiex jingħaqdu teams meħtieġa. Qed jiġi suġġerit li jingħata premjijiet li jitqassmu lil għaqdiet/skejjel/ kunsilli li ser jipparteċipaw kif ukoll rigal ta' tifkira lil parteċipanti. Din li spiża m'għandiex taqbeż iktar min 5,000 ewro

38.2.3.7.1 Il-Kunsill approva

**38.3 Komunikazzjoni mill-president;**

38.3.1 **MoU ta'LESA 2024**

Il-President informa li LESA kienet bagħtet l-MOU ta 2024 sabiex jiġi iffirmat mir-Regjin. Dan il-ftehim kien qed juri li nuqqas fil-persentaġġ ta' rimbors min 45% għal 35%. Il-President kompla fejn qal li kien sejħa sabiex issir laqgħa ma DLG u ma Direttur tal-Ġustizzja riġward il-post ta' fejn ser jiġi ospitat it-Tribunal il-quddiem meta Regjun jerġa jmur fil-Uffiċju Amministrattiv. Għad ma ngħatax data għal din il-laqgħa.

Il-Kunsill approva li jiġi iffirmat l-MOU kif preżentat

38.3.2 **Laqgħa bejn il-Kuntrattur ta' l-iskart u Reġjun**

Il-President informa li illum 16 ta' Jannar saret laqgħa ma il-kuntrattur ta' l-iskart sabiex issir rendikont ta' l-operat fuq il-ġbir. Din il-laqgħa kienet waħda kordjali fejn il-kuntrattur fehem li fejn hemm nuqqasijiet speċjalment fuq sistema tal-GPS tracking u chits ser titranġa. Il-kuntrattur qajjem il-punt li nhar il-Ġimgħa il-Kbira ser ikun imiss il-ġbir tal-ħġieġ kif ukoll li fil-Milied 2025 u l-Ewwel ta' Sena 2026 suppost issir il-ġbir ta skart riċiklat. Peress li f'dawn il-granet ma jinġabarx skart ir-residenti ser ikollhom l-iskart ma jinġabarx għal 3 ġimgħat. Għalhekk ir-Reġjun ser jagħmel l-arranġamenti ma l-Wasteserve sabiex jinbidlu il-ġranet tal-ġbir għal dak il-perjodu partikolari.

Il-Kunsill qabel ma din il-proposta

Il-membri preżenti semmew ukoll il-fatt inkwetanti li l-ERA ħarġet 11 ċitazzjonijiet f' żmien bejn Ottubru u Diċembru meta jidher li hemm ħafna iktar min qed jabbuża

**38.4 Skeda ta' Pagamenti;**

38.4.1 Il-President ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 01/25A-1 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

38.4.2 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Elke Sghendo u sekondat Kunsillier Andrew Dalli il-Kunsill Reġjonali approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija.

**38.5 Rapporti**

**Ma kienx hemm rapporti**

**38.6 Item: : Performance Bonus Staff Amministrattiv**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal tal-membri tal-istaff tal-Kunsill Reġjonali. Hu ta' spjega tad-dokumenti u ppropona li l-membri tal-istaff kollha jingħataw il-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għax kollha qabżu l-aspettattivi tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

38.6.1 Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisals tal-membri tal-istaff b'mod unanimu

**38.7 Item: Performance Bonus Segretarju Eżekuttiv**

Il-President ressaq id-dokumenti tal-performance appraisal ta' Segretarju Eżekuttiv. Hu ta' spjega rikommandazzjoni u ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv attwali tingħata l-massimu tal-persentaġġ tal-allowance għar-raġuni li qabeżet l-aspettazzjonijiet tal-Kunsill Reġjonali. Il-President talab għall-approvazzjoni tal-Membri preżenti.

Il-Membri preżenti approvaw il-performance appraisal tas-Segretarju Eżekuttiv b'mod Unanimu.

Is-Segretarju Eżekuttiv reġġet daħlet fil-kamra. Hija rringrazjat lil President u lil Kunsill ta' l-approvazzjoni u il-fiduċja.

**38.8 Item: Ħruġ ta' sejħa għal Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-kultura**

Il-President spjega li f'sfond li rwol ta' l-uffiċjal maniġerjali responsabbli mill Kultura issa tinstab vakanti qed jinħass il bżonn li terġa toħroġ sejħa sabiex ir-Reġjun ikun jista' jkompli jagħti is-servizz lil Kunsilli f'ħdanu. Ir-Reġjun qed jintalab ukoll min l-Arts Council sabiex tinħareġ din is-sejħa minħabba il-proġetti li qed jinvolvu lil Reġun.

38.8.1 Il-Kunsill approva li tinħareġ din is-sejħa

**38.9 Item: Ħruġ ta' sejħa għal Uffiċjal Maniġerjali responsabbli mill-Fondi Ewropei**

Il-President spjega li f'sfond li rwol ta' l-uffiċjal maniġerjali responsabbli mill-Fondi Ewropei issa tinstab vakanti qed j inħass il bżonn li terġa toħroġ sejħa sabiex ir-Reġjun ikun jista' jkompli jagħti is-servizz lil Kunsilli f'ħdanu.

38.9.1 Il-Kunsill approva li tinħareġ din is-sejħa

**38.10 Affarijiet Oħra**

38.10.1 **Skema t'Għajnuna Finanzjarja Ġimgħa Mqaddsa 2025**

Il-President qal li kien qed jipproponi li Kunsill Reġjonali ser ikun qed jalloka s-somma ta' €800 Ewro lill-Kunsilli li l-proposta tagħhom ser tkun magħżula mill-Bord t'evalwazzjoni li ser ikun kompost apposta. Dawn il-fondi allokati ser ikunu jistgħu jintużaw għal massimu ta' żewġ attivitajiet relatati mal-festi tal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir. Dawn l-attivitajiet għandhom jittellgħu fiż-żmien tar-Randan, Ġimgħa l-Kbira u l-Ottava tal-Għid. Din l-iskema jistgħu jibbenefikaw minnha għaqdiet tal-lokal.

38.10.1.1 Il-Kunsill qabel ma din il -proposta.

**38.11 Tmiem tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li Jmiss;**

38.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.00 pm u ġiet aġġornata għal il-Ħamis 13 ta' ~~Jannar~~ Frar 2025

Konfermati llum 13 ta' Frar 2025___________________

Jesmond Aquilina
President

Mariella Strout
Segretarju Eżekuttiv